MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1644/2004

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Francis Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta’ Awissu, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ erba’ mija u wiehed u tletin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm431.41) rappresentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut skond Client Contract Number 02455 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur bejn Marzu 2002 u Ottubru 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-28 ta’ frar 2003 u dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat

kontestwalment ma’l-avviz u bl-imghaxijiet sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-14 ta’ Jannar 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ erba’ mija u wiehed u tletin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm431.41), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali datata 28 ta’ Frar 2003 u tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma’l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------